IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31-2017(27_04_17)**

**27 ta' April 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara *sms* li bagħat is-Sur Paul Curmi fejn talab li jkun skużat għaliex ma jistax jattendi għal-laqgħa minħabba xogħol.
Il-Kunsill qabel li jkun skużat.

**31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

31.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 30-2017(23_03_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**31.8 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2016**

31.8.1 Fil-laqgħa kien hawn preżenti s-Sur Daniel Galea, l-*Accountant* tal-Kunsill. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet ser tiġi diskussa din l-*item* sabiex jiġu approvati l-*Financial Statements* li għadhom kemm ġew awditjati mill-awdituri mqabbda mill-Gvern Ċentrali. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tal-*Financial Statements* u wieġeb għal xi mistoqsijiet. Għas-sena finanzjarja 2016, il-Kunsill kien baqagħlu *surplus* ta' €26,801.

**31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

31.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħalissa fix-Xlendi qed isir il-manutenzjoni li ssir ta' kull sena qabel jibda l-istaġun tas-sajf. Sar ukoll żbir tal-Palm tal-*Parking* tax-Xlendi. Twaħħlu erba' bankijiet ta' max-xtajta u t-tabella bil-mappa tax-Xlendi u Għawdex iċċaqalqet ftit u tpoġġiet f'post li hija aktar prominenti.
Id-Direttur, Proġetti u Żvilupp approva li jsir iċ-ċint u ħamrija fejn kien hemm il-*bring-in-site* fid-daħla tal-Munxar. Hija talbet li dan ix-xogħol jitlesta qabel il-festa tal-Munxar.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mal-Għaqda Żgħażagħ Pawlini u l-Kappillan sabiex jiġi diskuss dwar is-sehem tal-Kunsill fl-attivitajiet li jsiru fit-toroq fil-jiem tal-festa. Kien hemm qbil li jsir kollox bħas-sena l-oħra.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mal-iskultur li ser jagħmel il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina. L-ispejjeż ser jitħallsu mill-Ministeru għal Għawdex. Issa jmiss li l-Kunsill jiddeċiedi fejn ser isir dan il-monument. Ġie deċiż li l-monument jitpoġġa fil-Pjazza tal-Knisja, in-naħa tal-Knisja, viċin fejn issir il-*christmas tree*.
Is-Sindku tkellmet mal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi dwar fejn ser issir il-merbħa *sign* u t-tliet arbli tal-bnadar.
Is-Sindku tkellmet mal-Perit John Saliba dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Ser issir laqgħa mad-Direttur u l-Inġinier ta' ECO-Gozo.
Is-Sindku talbet lill-Kumpanija ELC sabiex ipoġġu *pots* bil-ward quddiem iz-zuntier għall-festa tar-raħal.

**31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

31.4.1 Is-Sinjorina Sonja Abela infurmat lill-Kunsill saritilha talba biex issir xarabank għal Ta' Pinu kull nhar ta' Erbgħa. Is-Sindku se tkellem lis-Sindku Ta' Sannat sabiex dan is-servizz isir ma' tagħhom.

31.4.2 Is-Sur Damien Spiteri staqsa dwar il-*bus shelter* li għandha ssir biswit l-entratura ta' Ġnien Ragalna. Staqsa wkoll dwar il-*website* tal-Kunsill għax irċieva lment li ma hijiex tiġi aġġornata. Rigward il-*bus shelter*, il-Planning Authority se tiddeċiedi dwar il-permess fl-10 ta' Mejju 2017. Rigward il-*website,* il-Kunsill għandu tlieta u waħda minnhom qed tiġi aġġornata bil-Minuti, Aġenda, attivitajiet u avviżi.

**31.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

31.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand l-Għaqda tal-Armar sabiex is-siġar tal-Pjazza tal-Knisja jinżabru minħabba li l-bandalori ser iħokku mas-siġar. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li huwa diffiċli ħafna li dawk is-siġar jingħataw il-permess biex jinżabru għax fil-fatt is-sena l-oħra ma ngħatax permess. Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex fil-passaġġ ta' Tal-Ponta jitpoġġew aktar *dog bins* għaliex qed ikun hemm ħafna ħmieġ fuq il-pavimentar. Il-Kunsill ma jidhirlux li hemm il-bżonn li jiżdiedu l-*bins* għaliex diġà hemm wieħed. Ħaddiem tal-Kunsill ser jintbagħat aktar ta' spiss sabiex inaddaf.
Fi Triq il-Kalkara tal-Ġir hemm *litter bin* u fejn dan il-*litter bin* qed jitpoġġa skart domestiku. Ir-residenti tal-viċin qed jitolbu li dan jitneħħa. Il-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħa, iżda għandu jsir avviż u jitwaħħal viċin dan il-*litter bin*.

31.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab *feedback* mingħand il-Kunsill sabiex fl-applikazzjoni li ser issir għal *funding* għat-Torri tax-Xlendi jiġi inkluż *interpretation centre.* Saru suġġerimenti li jsiru *projections* mal-ħajt, *P.A. system, counter,* vetrina, *CCTV, fire alarm* u *toilets.*

31.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien se jibda jattendi għall-kors organizzat mill-*Institute for the Public Services.* Dan il-kors huwa bla ħlas. Jikkonsisti f'7 *Modules* u jsir Malta.

31.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva diversi lmenti li *ż-zebra crossings* tal-Pjazza tal-Knisja huma mudlama u għal din ir-raġuni nġabret stima ta' 20Watt LED, li tixgħel bil-PV. L-istima hija ta' €260.78 kull sett ta' lampa waħda. Kien hemm qbil li jinxtraw erba' lampi għall-pjazza.

31.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*Assistant Principal*, is-Sinjorina Kimberly Spiteri, ilha *Assistant Principal* Skala 11 mal-Kunsill Lokali Il-Munxar minn Mejju 2012. Saret referenza għall-Memo 8/2015 – 'Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġjonali 2012-2016 – *Progression* wara 5 snin servizz minn *Assistant Principal Scale* 11 għal *Scale* 10, u minn *Clerk Scale* 15 għal *Scale* 14'. Għaldaqstant, is-Sinjorina Kimberly Spiteri hija intitolata għal din il-*progression* u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Kimberly Spiteri tiġi promossa minn Skala 11 għal Skala 10 b'effett mill-1 ta' Mejju 2017.

.

**31.6 Korrispondenza**

31.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 9/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund*: l-Ewwel Sejħa għal attivitajiet minn Lulju sa Diċembru 2017; u t-Tieni Sejħa għal attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020.

31.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 10/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'L-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-*WEEE*) miġbur mill-Kunsilli Lokali'.

31.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 11/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Irtirar mix-Xogħol minħabba l-Età Pensjonabbli'.

31.6.4 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Environment & Resources Authority (ERA) rigward 'Management of Marine Protected Areas', fejn qed jistiednu lill-Kunsill għall-*meeting* flimkien.

31.6.5 Il-Kunsill irċieva mingħand Starline Creations Media Gozo rigward 'Gozo for ALS 2017 Music and Motor Sport Event', fit-30 ta' April 2017 fejn il-*heliport* fix-Xewkija u Għajnsielem.

31.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru 27/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Workshop fuq l-iżvilupp ta' proġetti fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli', fit-2 u fit-3 ta' Ġunju 2017, fis-Seminarju, Ir-Rabat.

31.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Commerce Department fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar rigward il-'Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2017'.

31.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed iħabbar li ġie magħżul biex jokkupa kariga fis-settur pubbliku u għaldaqstant ta r-riżenja tiegħu bħala President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-aħħar ta' Marzu 2017. Huwa tkellem dwar il-ħidma tiegħu bħala President f'dawk is-snin li kien jokkupa din il-kariga u esprima l-gratitudni tiegħu.

31.6.9 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Prinċipal – Europe for Citizens Contact Point, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal invit mingħand il-LIFE Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għal-'LIFE Info Day', fit-8 ta' Mejju 2017 f'The Palace Hotel Sliema.

31.6.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur (Environmental Health) fil-Ministeru għas-Saħħa rigward 'Surveillance and Monitoring of Aedes Albopictus Mosquito in Local Towns and Villages'.

31.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti rigward *study visits* fl-24 ta' Novembru 2017. L-għan huwa li l-Kunsilli Lokali kollha juru kif għamlu użu tajjeb minn fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea sabiex joħorġu bi proġetti sostenibbli li ħallew effett pożittiv ġewwa l-lokalità tagħhom. Ser jintgħażlu ħames Kunsilli Lokali biex jospitaw dawn l-i*study visits* u l-Kunsilli Lokali kollha jistgħu jipparteċipaw.

31.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Vodafone rigward il-'Vodafone Connect Challenge 2017'. Huma qed jitolbu permess sabiex jorganizzaw din l-attività fid-19 ta' Mejju 2017 li tibda mill-Għadira ta' San Raflu u tispiċċa fl-Skyparks, Luqa. F'ewwel stadju disa' parteċipanti ser jiġru sal-Bajja tax-Xlendi, qrib it-Torri.

31.6.13 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-65 laqgħa tal-21 ta' April 2017, l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numru: 49 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 64/2017 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

31.6.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru 30/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Messaġġ tal-President tal-Assoċjazzjoni'. Huwa rringrazzja tal-awguri li rċieva minħabba li għadu kemm beda jokkupa l-kariga ta' President ta' din l-Assoċjazzjoni u tkellem dwar il-ħidma tiegħu f'din il-kariga.

31.6.15 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* rigward 'Awguri għall-ħatra ta' President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL)' mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni (ANSEK) li huwa bagħat lill-President tal-AKL.

31.6.16 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-konferenza bl-isem 'Control Issues: Compliance & Concerns from the Report by the Auditor General on the Workings of Local Government', fil-5 ta' Mejju 2017 fil-Lukanda Dolmen f'San Pawl il-Baħar.

31.6.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward sessjonijiet ta' taħriġ dwar 'Improving Change and Transition Management Skills – Enhancing Civic Society', fl-10, 17, 24 u 31 ta' Mejju 2017 u fl-14 ta' Ġunju 2017 fiċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Fondazzjoni Inspire f'Bulebel.

31.6.18 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) għat-13th Annual Conference fit-2 ta' Mejju 2017, f'Dar Qalb ta' Ġesù, Santa Venera.

31.6.19 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp fix-Xlendi.

31.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-*event* 'Light Up The Night – Myalgic Encephalomyelitis (ME) and Fibromyalgia (FM)' fil-lejl ta' bejn il-Ħamis 11 u l-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017'.

31.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Proġett Pilota ta' taħriġ għal voluntiera li jixtiequ jagħtu kontribut fil-komunità tagħhom'.

**31.7 Ilmenti**

31.7.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 9/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund:* l-ewwel Sejħa għal attivitajiet minn Lulju sa Diċembru 2017 u t-Tieni Sejħa għal attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi se japplika għall-Kalendarju ta' Attivitajiet minn Lulju sa Settembru 2017.

31.7.2 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand il-JP2 Foundation sabiex il-Kunsill iħallas għall-kunċert mużikali minn "Balaton Duo" nhar it-Tnejn, 22 ta' Mejju 2017 fl-okkażjoni tal-Festa tal-Munxar. Il-Kunsill irid iħallas €435. F'laqgħa li saret mal-Kappillan, ġie deċiż li ma naċċettawx din il-proposta u minflok issir serata mużikali letterarja bis-sehem ta' parteċipanti mil-lokalità.

31.7.3 Il-Kunsill ġie mitlub jikklarifika jekk fl-applikazzjoni li ser issir għal fondi mill-EU sabiex jiġi restawrat it-Torri tax-Xlendi, huwiex se jiġi inkluż xi xogħol ta' *landscaping* madwar it-Torri. Ġie deċiz li ma jsirx *landscaping.*

31.7.4 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali lista dettaljata dwar l-estimi għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

31.7.5 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna residenti fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi. Hija qed terġa' tilmenta li *van* bajda li ġiet abbandunata xi ħames snin ilu għadha hemm. Ġie deċiż li nerġgħu nikkuntatjaw lill-Pulizija.

31.7.6 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ Direttiva Numru 2/2017 rigward l-Estimi Annwali *(Budget)* u r-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart *(Quarterly Financial Report).* Mis-sena 2017, dawn ir-rapporti għandhom isiru bit-*templates* il-ġodda.

31.7.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq Tà Marżiena fejn talbet lill-Kunsill isewwi l-bordura tal-bankina u ftit minn wiċċ it-triq. Hija talbet lill-Kunsill sabiex iwaħħal ħadida mal-art biex jipproteġi l-bankina. Il-Kunsill kien diġà rranġa l-ħsarat fil-bankina u wiċċ it-triq iżda ma huwiex ser jaċċetta li jagħmel il-ħadida hekk kif propost.

31.7.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Paul Curmi fejn inkluda ritratt ta' ħajt li qed jinbena quddiem bokka ta' għar fil-Wied tax-Xlendi. Il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn għax ix-xogħol qed isir f'*area* privata.

31.7.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' post ġdid li għadu kemm imbena viċin Ġnien Ragalna. Huwa jixtieq li jiltaqa' mal-Kunsill rigward ir-*railing* li nqala' minn postu u dwar trinka fil-ġnien sabiex jgħaddu s-servizzi. Ġie deċiż li jiġi infurmat li dak li tkisser u nqala' għandu jitranġa u jitwaħħal mill-ġdid u sabiex issir trinka trid issir applikazzjoni mat-Taqsima tat-*Trenching*.

31.7.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward linji gwida in konnessjoni mat-tismija ta' toroq għall-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex. Il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq ma huwiex ser jieħu in konsiderazzjoni dawk il-proposti li jkunu ġejjin mill-Kunsilli u ma jkunux konformi mal-linji gwida.

31.7.11 Il-Kunsill irċieva lment li fi Triq Damasku, Il-Munxar hemm xi ħofor u tumbati quddiem Eagle Eye Court. Dawn il-ħofor diġà tranġaw mill-ħaddiema tal-Kunsill.

31.7.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Iskola Laura Vicuna fejn qed jitolbu fondi għall-proġett ta' bini ta' ġnien fit-terrazzin tal-iskola. Il-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet.

31.7.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-*Operations Manager* tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura fejn talab informazzjoni dwar ġwiebi tal-ilma tat-tieni klassi. Il-Kunsill għandu ġiebja waħda li qiegħda taħt Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

31.7.14 Il-Kunsill irċieva talba sabiex trejqa fi Triq il-Qsajjem u li tagħti għal ġor-raba' titnaddaf mill-ħaxix ħazin. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

31.7.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Phylisienne Tabone fejn talbet sabiex tibda tagħmel sessjoni ta' *story telling* darbtejn fil-ġimgħa għat-tfal ta' bejn 0-3 snin. Is-Sindku kienet ser tkellem lis-Sindku Ta' Sannat biex il-Kunsill ikun jista' japplika u dawn is-sessjonijiet isiru fiċ-Ċentru Parrokkjali.

31.7.16 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Chris Laeuffer sabiex jingħata l-permess li jorganizza l-*Oktoberfest* fi Pjazza l-Anfori fix-Xlendi fil-15, 16 u 17 ta' Settembru 2017. Qed jitlob ukoll sabiex jingħata permess biex jorganizza attività ta' San Patrizju fis-17 ta' Marzu 2018 fl-istess post. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' dawn it-talbiet għaliex huwa kontra li jsiru attivitajiet ta' ikel u xorb fil-beraħ. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi huwa tal-istess fehma.

31.7.17 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand in-*knockout team* li jorganizzaw *Giochi – It's a knockout,* għall-prezz ta' €600. Peress li huwa diffiċli ferm li jinstabu t-timijiet, ġie deċiż li b'dak il-prezz aħjar jinġieb *Beat Group* għax-Xlendi.

31.7.18 Ġie nnutat li fil-passaġġ li hemm taħt Triq San Xmun għandu parti mir-*retention wall* imġarrfa. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lit-Taqsima tas-CMU sabiex jitranġaw il-ħsarat.

31.7.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Ernest Spiteri mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali. Huwa qed isaqsi dwar problemi soċjali fil-lokalità, kif qed jiġu indirizzati u x'attivitajiet qed jiġu organizzati fil-lokalità. Ġie deċiż li kull membru tal-Kunsill jibgħat l-opinjoni tiegħu permezz ta' *e-mail*.

**31.9 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2017**

31.9.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu maż-Żgħażagħ Pawlini Munxarin flimkien mal-Kappillan Dun Michael Said. F'din il-laqgħa ġie spjegat l-attivitajiet li ser isiru u ġie identifikat fejn hemm lok li l-Kunsill jikkollabora. L-attivitajiet li ser isiru huma kollha bħalma saru s-sena l-oħra. Iż-żgħażagħ talbu sabiex is-*sound* fil-Pjazza tal-Knisja tal-ġurnata tas-Sibt ikun aktar qawwi, iżda jekk isir hekk ser jinqabeż il-*budget* tal-Kunsill. Kien hemm qbil li kollox isir bħas-sena l-oħra, iżda fil-*feature* li ser jagħmel il-Kunsill ma jsirux reklami ta' kuntratturi oħra.

**31.10 Il-vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv *full-time***

31.10.1 Il-Kunsill irċieva mingħand *Jobsplus* lista ta' persuni li għandhom il-kwalifiki li huma rikjesti għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv u li qed ifittxu impjieg. Minn din il-lista applikaw żewġ persuni u dawn intalbu jiġu għall-intervista llum. Wieħed mill-applikanti informa lill-Kunsill li ma huwiex ser jattendi għall-intervista għaliex kien sab xogħol xi mkien ieħor. Is-Sur Rodrick Mario Grech kien preżenti fil-laqgħa sabiex jiġi intervistat. Is-Sindku ssospendiet il-laqgħa għal ftit ħin sabiex issir l-intervista. Il-*webstreaming* twaqqaf. Wara li saret l-intervista, il-Kunsill iddiskuta dwar l-andament tal-intervista u ġie deċiż li s-Sur Rodrick Mario Grech jiġi impjegat bħala Uffiċjal Eżekuttiv skala 13 *full-time* mit-2 ta' Mejju 2017.

**31.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

31.11.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fil-25 ta' April 2017, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson*, is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru u s-Sur Saviour Xiberras - Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sinjura Carmen Said - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Iċ-*Chairperson* stieden lis-Sindku sabiex titkellem dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir fix-Xlendi. Huwa lmenta li l-moll tax-Xlendi għadu ma tranġax u qed fil-periklu li jiġġarraf. Ġie deċiż li l-Kumitat jibgħat *reminder*.

Għalkemm il-ġbir tal-boroż is-suwed qed isir ukoll il-Ħamis barra t-Tnejn u s-Sibt, xorta qed ikun hemm ħafna boroż fit-toroq. Il-problema hija s-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel. Is-Sindku ser tkellem lill-uffiċjal tal-Malta Tourism Authority sabiex twissi lis-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel.

Iċ-*Chairperson* flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku attendew għall-konferenza li s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onorevoli Stefan Buontempo, għamel mal-Kumitat Reġjonali, Kunsilli Lokali rispettivi u Kumitati Amministrattivi li saret fil-25 ta' Marzu 2017 fil-Kunsill Lokali tal-Għarb, Għawdex. L-għanijiet prinċipali ta' din il-laqgħa huma sabiex is-Segretarju Parlamentari jisma' lil dawn l-awtoritajiet kif ukoll jisma' b'xi proposti tal-istess awtoritajiet lokali. F'aħħar tal-konferenza, is-Segretarju Parlamentari ġie mitlub sabiex joħroġ skemi ta' finanzjament speċifikati għall-Kumitati Amministrattivi sabiex b'hekk ikunu aktar effettivi.

Iċ-*Chairperson* staqsa dwar jekk hemmx bżonn li ż-żewġ bankijiet tal-*concrete* li l-maltemp kaxkar għal ġol-baħar jittellgħu. Il-Ministeru għal Għawdex ser jipprovdi l-bugħaddas u l-Kumitat/Kunsill irid iħallas għall-*crane*, *truck* u post fejn jiddisponi minnhom. Ġie deċiż li għalissa l-bankijiet jibqgħu hemm.

Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li xi ġimgħat ilu nżabar il-Palm tal-*Parking*. Bdiet issir il-manutenzjoni billi jsir xogħol ta' żebgħa u saru mill-ġdid is-sinjali tal-art. Ġiet ordnata tabella *no parking* max-xtajta fejn hemm ir-ramel. Twaħħlu erba' bankijiet max-xtajta.
It-tabella bil-mappa tax-Xlendi u Għawdex inqagħlet minn postha u twaħħlet f'post ġdid fejn issa ser tintuża aktar b'kumdità. Inbidlu l-bozoz maħruqa ta' Triq il-Kantra.

L-ilmenti li jirrigwardjaw Ix-Xlendi tressqu wkoll fil-laqgħa tal-Kunsill.

Il-proġetti li hemm ippjanati fix-Xlendi huma l-bdil tal-lampi f'dawk b'lanterna LED, twaħħil ta' siġar fil-*pots* u xiri ta' *bins*.

**31.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

31.12.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 31/2017(27-04-17).

**31.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

31.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.39 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 30 ta' Mejju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |